**A.L. – tal-20XX**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

## (KAP. 549)

### Regolamenti tal-20XX li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart Fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.40.**

**1.** It-titoltu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-20XX li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

**Iżid regolament ġdid mar-regolament prinċipali.**

**2.** Minnufih wara r-regolament 4A tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

**"Separazzjoni mandatorja tal-iskart.**
**L.S. 549.63.**

**4B.** (1) Kull persuna għandha tissepara l-iskart skont ir-regolament 12A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

(2) L-infurzar tas-subregolament (1) għandu jitwettaq b'mod gradwali f'fażijiet kif għandu jiġi preskritt mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta."

**Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.**

**3**. Fis-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali il-kliem "landa taż-żibel approvata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tali numru ta' laned taż-żibel kif approvati".

**Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Ir-regolament 10 ta-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu (d) tas-sub-regolament (4) tiegħu, il-kliem "mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000)." għandhom jiġu sostitwiti b' dan li ġej "mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000):

Iżda il-multa minima ta' erba' mitt euro (€400) għandha tkun applikabbli fejn l-ammont tal-iskart ikun ikkunsidrat minimu."

(b) Minnufih wara s-sub-regolament (4) tiegħu, għandu jiżdied dan is-sub-regolament ġdid li ġej:

“(4A) Kull persuna li tikser ir-regolament 4B għandha teħel mal-ewwel kontravvenzjoni twiddiba u ċanfira, mat-tieni kontravvenzjoni ammenda ta’ ħamsa u għoxrin euro (€25), u f’każ ta’ kontravvenzjonijiet sussegwenti ammenda ta’ ħamsin euro (€50):

Iżda fil-każ ta’ skart minn stabbilimenti kummerċjali, il-persuna li kkontraveniet għandha teħel mal-ewwel kontravvenzjoni twiddiba u ċanfira, mat-tieni kontravvenzjoni ammenda ta’ ħamsa u sebgħin (€75), u f’każ ta’ kontravvenzjonijiet sussegwenti ammenda ta’ mija u ħamsin euro (€150);”

**Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** Fis- sub-regolament (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem “fir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 10(3)” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “fir-regolamenti 4, 4B, 5, 6, 7, 8 u 10(3)”.

**Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.**

**6**. Fis-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem “ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 9” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “ir-regolament 4, 4A, 4B, 5, 6, 7, 8 u 9”.

**Jemenda l-Iskeda 3 tar-regolamenti prinċipali.**

**7**. L-Iskeda 3 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-test Malti biss, il-kliem: ""Riċiklaġġ/Borża Griża/Ħadra" tfisser karta miġbura, imħallta, plastik u skart tal-metall, intiż għall-ġabra mill-aġent jew kuntrattur tal-Kunsill Lokali rispettiv, fil-ġurnata ndikata; għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “"Riċiklaġġ/Borża Griża/Ħadra" tfisser karta plastik u skart tal-metall imħallta, intiż għall-ġabra mill-aġent jew kuntrattur tal-Kunsill Lokali rispettiv, fil-ġurnata ndikata;” u

(b) il-kliem “"Skart Imħallat/Borża Sewda" tfisser skart imħallat, intiż għall-ġabra mill-aġent jew kuntrattur tal-Kunsill Lokali rispettiv, fil-ġurnata ndikata;” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “"Skart Imħallat" tfisser skart imħallat, intiż għall-ġabra mill-aġent jew kuntrattur tal-Kunsill Lokali rispettiv, fil-ġurnata ndikata. Minn [*daħħal id-data – sena wara l-pubblikazzjoni ta’ dan l-AL*], kwalunkwe skart imħallat mqiegħed għall-ġbir għandu jkun ġo boroż trasparenti;”.